# LECTIO DIVINA

# IT-28 ĦADD MATUL IS-SENA (Ċ)

## Lq 17, 11-19

Is-silta tinsab fil-kuntest tal-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġerusalemm (Lq 9,51-19,27). Bħal drabi oħra jintroduċi s-silta b'aċċenn ta' spostament (ara 9,51 ; 10,38 ; 13,23 ; 18,31). Id-domanda inizjali għal din is-silta kienet : « kattar fina l-fidi » (17,5). U b'hekk Luqa jagħti deskrizzjoni fiex tikkonsisti l-vera fidi.

**[Lq:17:11] Ġara li, huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn is-Samarija u l-Galilija.**

Għalkemm b'mod ġeografiku jidher li Ġesu' qiegħed jitbiegħed iżjed minn Ġerusalemm, Luqa jrid jagħti lil din is-silta tifsira iżjed teoloġika. Ġesu' jidħol fiż-żoni tat-truf tal-Ġudea fejn hemm is-Sammaritani. Fil-kuntest ta' nies esklużi, hemm anke il-lebbrużi li huwa jfejjaq.

**[Lq:17:12] Kif kien dieħel f'raħal, ltaqgħu miegħu għaxart irġiel morda bil-lebbra. Waqfu 'l bogħod minnu, [Lq:17:13] għollew leħinhom u qalulu: "Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!"**

***« għaxart irġiel » :*** Dan in-numru jindika valur simboliku ta' totalita' (huma għaxra l-iswaba tal-id).

***« morda bil-lebbra » :*** Persuni eskluzi, emarġinati, disprezzati u ma kellhomx lanqas id-dritt li jgħixu ġo familja. Il-marda tagħhom kienet fuq kollox konnessa mal-kastig t'Alla għad-dnubiet imwettqa (ara Num 12,14). Skont il-liġi l-lebbrużi kellhom joħorġu barra fil-beraħ jgħajtu « Imniġġes, Imniġġes » (ara Lev 13,45-46).

***« Waqfu 'l bogħod minnu, għollew leħinhom u qalulu » :*** L-għarfien tad-diżgrazzja komuni, tad-dulur komuni u tal-limiti għamilhom ħbieb u qrib ta' xulxin. Bl-istess mod fil-kamp spiritwali. Min ma jirrealizzax il-kundizzjoni tiegħu ta' midneb jispiċċa jqis ruħu ta' ġust u hekk joħloq barrieri u jipproteġi lilu nnifsu minn kull 'lebbruż'. Imma min jagħraf li huwa nnifsu 'lebbruż' ma jħossux superjuri, ma jiġġudikax, ma jitbiegħedx mill-oħrajn, ma jiddisprezzax, bħal Kristu jħossu solidali fit-tajjeb u l-ħażin.

***« Waqfu ‘l bogħod minnu » :*** Hekk kienet titlob minnhom il-liġi. Id-distanza, kbira kemm hi kbira ma tfixklux milli jisma’ t-talba tal-batut : « Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu, lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa » (Salm 145,18).

« u qalulu: "Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!" » : Lil Ġesu’ ma talbuhx il-fejqan, imma biss biex ikollu ħniena, li tal-inqas jinteressa ruħu minnhom quddiem is-sitwazzjoni tagħhom.

**[Lq:17:14] Kif rahom, qalilhom: "Morru uru rwieħkom lill-qassisin." U ġara li, huma u sejrin, fiequ mill-marda tagħhom.**

***« "Morru uru rwieħkom lill-qassisin." » :*** It-talba ta’ Ġesu’ talbet ħafna fidi min-naħa tal-lebbrużi. Riedu jmorru għand is-saċerdot bħallikieku kienu diġa’ ndaf, meta fil-verita’ ġisimhom kien għadu marid. Emmnu fil-Kelma, obdew. Fil-fatt fiequ huma u sejrin Ġerusalemm. Dan il-fejqan jixbaħ il-purifikazzjoni ta’ Nagħman (2 Slat 5,9-10). Il-Profeta Eliżew ordna lir-raġel jinħasel fil-Ġordan u ried jemmen fil-kelma tal-Profeta.

Il-liġi kienet tgħid li l-qassisin setgħu jivverifikaw il-fejqan tagħhom u jdaħħluhom lura fil-komunita’ (ara Lev 14,1-45).

**[Lq:17:15] Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, [Lq:17:16] nxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan.**

***« Samaritan » :*** Meqjus ‘l bogħod minn Alla, impur u għadu, tant li ma setax jidħol fit-tempju ta’ Ġerusalemm u lanqas jipparteċipa fil-kult. Jagħmel parti minn dak il-poplu li ma riedx jilqa’ lil Ġesu’ « billi hu kien sejjer Ġerusalemm » (Lq 9,53).

« raga’ lura » : Is-Samaritan imur għand Ġesu’ flok imur fit-tempju bħall-oħrajn. Peress li huwa ma kienx Lhudi ma kellux x’jaqsam mas-saċerdoti ta’ Ġerusalemm, anzi kien projbit għalih li jmur fit-tempju. Jagħraf li l-veru tempju huwa Ġesu’ nnifsu (Ġw 2,20-21). L-istess ‘liġi’ (fil-każ tad-disgħa l-oħra) tista’ tkun xkiel biex wieħed jidħol f’kuntatt veru ma’ Ġesu’.

***« ifaħħar lil Alla » :*** Huwa privileġġ eskluż għall-poplu ta’ Iżrael. Jagħraf li dak li ġralu hija l-opra biss t’Alla.

***« u raddlu ħajr » :*** F’Luqa hemm diversi kantiċi u innijiet li jesprimu l-esperjenza ta’ gratitudni u rikonoxximent (ara 1,46-55 ; 68-79 ; 2,29-32). Il-fidi tiġġenera l-gratitudni. L-għarfien tal-grazzja li l-bniedem jirċievi jwasslu biex jirringrazzja lil Alla. Jagħraf li min fejqu hu Iżraelita u iktar u iktar iħoss li dak li rċieva huwa don.

Il-fejqan jista' ma jmissx il-qalb (eż. Is-sagrament tal-qrar jista' imiss biss il-Jien u l-maħfra ssir bħala dritt 'għax Jien mort inqerr'). Isir fejqan bla relazzjoni.

***« nxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù » :*** Jagħraf il-vojt tiegħu u d-dipendenza assoluta tiegħu minn Ġesu'. Il-fidi vera titlaq mill-għajta għall-għajnuna u tkompli bir-Radd il-ħajr u issa bil-ġest hekk kbir ta' adorazzjoni.

**[Lq:17:17] U Ġesù qabad u qal: "M'hux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra? [Lq:17:18] Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani!"**

***« barrani » :*** Luqa biss jużaħ dan it-terminu fit-Testment il-Ġdid. Is-Samaritan kien meqjus bħala barrani għall-Wegħdiet marbuta mal-Poplu l-Magħżul. Il-kelma 'barrani' kienet tinsab fil-parti esterna tal-bitħa tat-Tempju, fejn kien hemm miktub li ebda barrani ma kien jista' jidħol ġewwa.

Il-'barrani' biss jirrikonoxxi l-Awtur ta' din il-purifikazzjoni. Għax iħossu 'barrani' il-qalb setgħet timtela b'iżjed sens ta' gratitudni. Huwa faċli li d-disgħa l-oħra setgħu jqisu l-fejqan bħala xi ħaġa dovuta lilhom, kollox ovju għalihom, huma li jagħmlu parti mill-poplu l-magħżul. Jobdu l-liġi biex ikunu jistgħu jimmeritaw il-ġustizzja u hekk dehrilhom li ma kenux midjunin ma' Ġesu'.

F'dal-każ jonqos l-ispazju għall-gratitudni. Il-fidi hija t-tweġiba għad-don tal-Imħabba li Alla joffri lil kulħadd.

**[Lq:17:19] Mbagħad qallu: "Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek. "**

***« il-fidi tieigħek salvatek » :*** Mhux lil kull min fejjaq Ġesu' jgħidilhom din il-kelma, imma lil ftit : lill-midinba li kienet tinsab fid-dar ta' Xmun il-fariżew (7,50) ; lill-mara li kienet tbati min-nixxiegħa tad-demm (8,48) u lill-agħma ta' Ġeriko (18,42). F'dawn it-tliet każijiet il-fidi tagħhom waslithom imorru 'l hinn mil-liġi : il-midinba taħsillu saqajh, il-mara bit-tnixxija tad-demm tmiss il-mantar (il-liġi ma kenitx tippermettilhom jagħmluh dan) u lill-agħma li quddiem dawk li ppruvaw isikktuh aktar beda jgħajjat. Huma nies li l-fidi tagħhom daħlithom f'relazzjoni vera.

Il-veru don t'Alla li rċieva kienet il-fidi, imma l-fidi marbuta mal-opri (ara Ġak 2,26) u l-fidi marbuta mal-imħabba (ara 1 Kor 13,2) u li tinbidel f'radd il-ħajr. Għall-gratuita' tal-aġir t'Alla lejn il-bniedem jirrispondi r-rikonoxximent ta' dak li jagħraf li kollox huwa grazzja.

Hija l-gratitudni li ssalva. Hija l-Ewkaristija li ssalva.. L-Ewkaristija tfisser ruħha f'ħajja li twieġeb bi gratitudni għad-don t'Alla li huwa għamel mal-bniedem (ara Ġw 3,16), tant li ħajtu ssir kontinwament radd ta' ħajr lil Alla (ara Ef 5,20).